**Bdejt is-sena mal-Mulej**

Fl-ewwel jum tas-sena fost l-isbaħ xewqat
Inħallejt minn din id-dinja ta' niket,
U dħalt ferħana fis-sema fejn qatt w qatt
Ma tgħaddi mill-eħrex Kalvarju iżjed.

Il-fidi kbira tiegħek ħalliet marka
Fuq l-għażiż żewġek u l-maħbuba wliedek,
Hu dan il-wirt dejjiemi s-saħħa w 't-tarka
Għaddejtilhom, tajthom l-aqwa ta' ġidek.

Fil-passaġġ tiegħek għas-Saltna ta' dejjem
Marija kienet hemm, iżżomlok idejk,
U t-twajjeb Ġużeppi, iħarsek w jxejjen
Dak kollu li seta' jċajpar il-ħarsa t'għajnejk.

Mal-aħħar nifs tiegħek dħalt fiż-żmien li ġej
Irgħa int li bdejt is-sena mal-Mulej!

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Jannar 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.